TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 15/2025**

Data: It-Tnejn, 14 ta' Lulju 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

TARXIEN
Local Council

### 15.1 Ittri ta' apoloġija

15.1.1 Is-Sindku semma li kemm is-Sa. Anabelle Marmara, talbet li tkun skużata minn din il-laqgħa. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill approva li l-Kunsilliera imsemmija tkun skużata. Kif ukoll semma li s-Sa. Nicole Farrugia u s-Sa. Darlene Vella kienu ser jattendu ftit aktar tard.

### 15.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 14

15.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.14 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

### 15.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 13

15.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Dasier Damato u s-Sur Neil Portelli ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-20 ta' Ġunju 2025 u l-14 ta' Lulju 2025 li kienet tammonta għal €42,459.50.

### 15.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 14

| | |
|---|---|
| **15.4.1 Ground 5-a-side** | Is-Sindku semma li hemm kollox preparat sabiex il-faċilita' tibda tinkera mill-1 ta' Settembru 2025. Semma li it-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa eskluż festi pubbliċi bejn 4:30pm u 6pm ser ikun mingħajr ħlas għat-tfal tal-lokalita'. Is-Sur Urry ħa nota sabiex ikellem lil Tarxien Rainbows sabiex jipprovdu l-ħinijiet li ser ikunu qed jużawh mingħajr ħlas għat-taħriġ tat-tfal tan-nursery. |
| **15.4.2 Rivista Kunsill Lokali Tarxien** | Is-Sindku rringrazzja lis-Sa. Nicole Farrugia li lestiet edizzjoni oħra tar-rivista. Semma li din l-edizzjoni tqasmet. |
| **15.4.3 Triq San Anard** | Is-Sindku semma li Triq San Anard tlestiet. Semma li saru l-bollards. Kif ukoll li Central Strip quddiem ġnien Kurunell Mas ġejja soft area. |
| **15.4.4 Framework Agreement – Public Works Department** | Is-Sur Neil Portelli semma li ser ikun qed ikompli jikkomunika mal-Public Works fuq dawn ix-xogħlijiet. |

TARXIEN
Local Council

| | |
|---|---|
| **15.4.5 Statwa ġewwa Vjal Simmons** | Is-Sindku semma li l-Perit ser iġġib cleareance għal statwa imbagħad wieħed jara kif jagħmel il-procurement għal statwa simili. |
| **15.4.6 Triq Sqajjaq** | Is-Sindku semma li ser ikunu qed jinġabru kwotazzjonijiet għall-arbli bi solar peress li hemm problema biex wieħed jgħaddi l-cables mal-faċċati tad-djar tan-nies. |
| **15.4.7 Attivitajiet Sportivi u Fiżiċi** | Is-Sindku semma li s-sessjonijiet taz-Zumba kienu mexjin sew. Semma li jekk l-attendenza tonqos f' Awwissu inwaqqfgħuhom u nerġgħu nibdewhom f' Settembru. Semma wkoll li hemm applikazzjoni miftuħa għall-attivita' sportiva għal European Week of Sports. Is-Sur Glenn Urry semma li ser ikun qed jikkomunika ma' MOVE sabiex titfassal attivita' sportiva fit-toroq tal-lokal. |
| **15.4.8 Kurunell Mas** | Is-Sindku semma li l-manutenzjoni fuq dan l-ispazju miftuħ bdiet u hemm ukoll bandli li huma ordnati sabiex jiġu mibdula dawk eżistenti. |
| **15.4.9 CCTVs Misraħ St. Agatha** | Is-Sindku semma li l-kwotazzjonijiet huma miġbura imma hemm problema biex jgħaddu l-cables tad-dawl. |
| **15.4.10 Joanne Garden** | Is-Sindku semma li x-xogħolijiet fil-ġnien kienu tlestew kollha nkluż tpoġġija ta' madum li kien imkisser. Semma li wara li tlesta x-xogħol xi ħadd għaffeġ u qala l-hoarding u għalhekk il-madum iċċaqlaq. Semma li l-kuntrattur ser jerġa' jdur dan ix-xogħol mingħajr ħlasijiet addizzjonali. |
| **15.4.11 Permessi ta' No Parking quddiem Palazzo Abela** | Is-Sindku semma li din il-materja kienet diskussa ma' sid il-post u kien maqbul kif deċiż fl-aħħar seduta tal-Kunsill. |

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

**15.4.12 Xogħlijiet fil-Latrina Pubblika**

Is-Sindku semma li x-xogħlijiet ser ikunu qed jibdew hekk kif jitlesta x-xogħol tal-berġa sabiex tkun konvertita fi spazju għall-ħaddiema tal-manutenzjoni assenjati mal-Kunsill wara li dan il-post kien magħluq wara li kienet relokata l-berġa.

**15.4.13 Traffic Calmers**

B' referenza għal dak li kien ntqal fil-laqgħa preċidenti, is-Sindku semma li din kienet saret bl-approvazzjoni kollha ta' Transport Malta sabiex issir. Għaldaqstant peress li s-saħħa u s-sigurta' tar-resident hija wkoll regolata minn liġijiet ta' TM, huwa ser ikun qed jitlob sabiex ir-residenti jikkomunika ma' TM bħala regolatur għaliex peress li din qiegħda bil-permess tagħhom ma jixtieqx li tinqala', jiġri xi inċident u jeħel it-tort il-Kunsill.

**15.4.14 Ismijiet ta' toroq**

Is-Sindku semma li wara kjarifika fuq Triq il-Gudja, jidher li din hija parti mil-lokal u tinstab quddiem in-niċċa tal-Madonna ġewwa Triq il-Barrani. Fuq proposta tas-Sindku bi qbil unanimu kien deċiż li din għandha tissemma Triq Renzo Gauci.

**15.4.15 Triq Annunzjata u Triq Lanzon**

Is-Sindku kif ukoll is-Sur Neil Portelli ddiskutew li Triq l-Annunzjata l-Kunsill kien diġa qed jiddiskuti sabiex tiġi żona pedonali u l-aċċess għal Triq it-Tempji Neolitiċi tkun billi titla' minn Triq l-Annunzjata. Is-Sindku semma li jaqbel ma' dak diskuss imma wieħed ser ikun qed imexxi t-traffiku lejn Triq Lanzon. Semmew li l-Kunsill diġa ħa l-miżuri kollha sabiex Triq l-Annunzjata ma tibqax perikoluża imma xorta għad hemm numri ta' riskji li ma jistgħux jiġu mmitigati. Kien hemm ukoll proposta sabiex Triq is-Sorijiet tiġi titla' 'l fuq biss.
Is-Sur Neil Portelli semma li din aħjar tiġi diskussa f' laqgħa adhoc sabiex tieħu l-ħin possibbli u anki jekk hemm bżonn ikun hemm xi persuni esperti fil-qasam u anki tekniċi li jkunu jistgħu jassistu.

TARXIEN
Local Council

## 15.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.5.1 Is-Sindku nforma li l-intervisti tas-Segretarji Eżekuttivi għadhom sospiżi. Dan skond deċiżjoni tal-Kunsill li ttieħdet fl-laqgħat preċidenti fejn il-Kunsill mhux jaqbel li l-Board tal-Għażla li huwa suppost ikun magħżul b'approvazzjoni tal-Kunsill qed ikun hemm impożizzjoni li jridu jkunu bilfors membri eletti mill-istess Kunsill. Għaldaqstant il-proċess huwa sospiż sakemm ikun hemm rikonsiderazzjoni ta' din id-deċiżjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

15.5.2 Is-Sindku semma li l-proġett tal-Pjazza huwa vera fil-qrib li jibda. Semma li l-ewwel data tenattiva hija dik tal-21 ta' Lulju 2025. Kien hemm diskussjoni fuq il-Bus Stop peress li din trid tkun relokata minħabba li minn wara l-knisja ser ikunu jistgħu joħorġu l-karozzi. Kien propost li l-Bus Stop tiġi rilokata għal fejn bħal issa hemm l-un/loading bay. Semmew li l-parkeġġ ta' diżabilita' ser jiġi affetwata jekk il-Bus Stop tmur hemm hekk u għaldaqstant irid jiġi relokat dan ukoll. Filwaqt li un/loading bay ser tinżel aktar 'l isfel kif ukoll issir bil-ħinijiet. Semmew ukoll li telephone box ser timxi għal fejn illum waħlu n-notice board bl-attivitajiet. Filwaqt li jsir digital screen sabiex l-avviżi tal-Kunsill u anki tal-Għaqdiet jitilgħu minn hemm. Kien hemm ukoll approvazzjoni li jsiru l-preparamenti kollha għas-sistema ta' CCTV. Semmew ukoll li għandhom isiru bozzoz li jigwidaw it-traffiku minn wara l-knisja.

15.5.3 Is-Sindku semma li għandu nformazzjoni li għadha mhux formalizzata li x-xogħlijiet ġewwa ġnien Kurunell Mas ser isiru minn entita' pubblika li tieħu ħsieb żoni li fihom postijiet turistiċi. Is-Sindku rringrazzja lill-Ministru Chris Bonett. Semma li l-bankijiet ser jinqgħalu u jittieħdu maċ-ċint tal-iskola biex ikunu jistgħu jpoġġu l-ġenituri li jwasslu lit-tfal.

15.5.4 Is-Sindku semma li l-Ġimgħa, 18 ta' Lulju 2025 kienu ser jgħamlu bibita żgħira tal-festa tad-Duttrina organizzata mill-Kunsill Lokali ġewwa s-sala tal-Komunita'. Is-Sindku semma li huwa mhux ser ikun jista' jattendi u talab lil xi ħadd mill-Kunsilliera sabiex xi l-10pm ikun preżenti waqt li jkun għaddej il-marċ.

15.5.5 Is-Sindku semma li l-iskema ta' tiswijiet ta' laptops u kompjuters ma kinitix waħda ta' suċċess dan peress li minn informazzjoni miġbura kemm mill-Kunsill kif ukoll mill-kuntrattur kienu 7 biss li ħadu s-servizz. Għaldaqstant kien hemm qbil li din ma tiġġeddiedx u ma terġax issir.

TARXIEN
Local Council

15.5.6 Is-Sindku semma li kienu qed jinġabru l-ismijiet sabiex imorru s-sessjonijiet tal-għum mingħajr ħlas ġewwa l-Kumpless Sportiv fil-Kottonera. Is-Sindku semma li peress li l-persuni nteressati jidhru li qabżu l-10 parteċipanti, il-kunsill ser ikun qed jipprovdi u jħallas it-transport lil dawk li jixtiequ jmorru.

15.5.7 Is-Sindku semma li l-Kunsill ser ikun qed jorganizza Festin tas-sajf għat-tfal.

15.5.8 Is-Sindku staqsa fuq il-Kunsill ta' Tfal u s-Sur Dasier semma li kien hemm żewġ dati pjanati, nhar 21 ta' Lulju u 11 t' Awwissu. Semma li huwa mhux ser ikun disponnibbli imma s-Sindku qal li mhux problema għalih sabiex jiftaħ is-sala tal-Kunsill.

15.5.9 Is-Sindku talab li tintbagħat komunikazzjoni lill-Infrastruttura Malta sabiex issir sessjoni nformattiva lir-residenti fuq il-proġett Vjal Kulħadd u dettalji tal-proġett fil-lokalita'.

15.5.10 Is-Sindku semma u kkonfermat is-Sa. Nicole Farrugia li għadhom mhux qed jiġbru riklami għal fuq ir-rivista tal-Kunsill.

15.5.11 Is-Sindku semma li minn Ġunju beda ħaddiem ġdid tal-komunita' (CWSF).

15.5.12 Is-Sindku semma li nhar 2 t'Awwissu bħal kull sena l-Għaqda tan-Nar talbet li tagħmel BBQ ġewwa l-bandli. Dawk preżenti qablu li joħorġu l-permessi neċessarji u ovvjament bil-klawżola li l-post jitħalla nadif.

15.5.13 Is-Sindku semma li kien hemm rikjesta mill-għaqda/persuni li jieħdu ħsieb l-organizazzjoni ta' Fr. Hilary u talbu sabiex nhar it-28 t'Ottubru filgħaxija jkollhom permess Joanne Garden sabiex jagħmlu bibita f'għeluq sninu. Dawk preżenti ma sabux oġġezzjoni ladarba l-Kunsill joħroġ il-permessi neċessarji.

15.5.14 Is-Sindku semma li għandu kwotazzjoni ta' electrician sabiex isir id-dawl ta' quddiem il-faċċata taċ-Ċimiterju tal-Erwieħ. Semma li bil-materjal b'kollox din ma taqbiżx €2,000 u għaldaqstant kien hemm approvazzjoni minn dawk preżenti.

15.5.15 Is-Sindku semma li l-Kunsill kien ser japplika mar-Reġjun fi skema ta' TM għal xiri ta' Bike Racks li ser ikunu qed jiġu nstallati fil-ġonna.

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

15.5.16 Is-Sindku semma li ser ikun qed jara anki mal-Perit li jibdew il-preparamenti tax-xogħlijiet sabiex isiru l-bankini minn quddiem il-Miracle wara li l-Kunsill kellu fondi allokati mill-iskema tal-LESA.

15.5.17 Is-Sindku propona li tiġi tranġata c-Central Strip ta' quddiem il-Kunsill fejn jitneħħew is-siġar tal-Oleander issir bankina bi tliet fanali antiki, jitneħħew pots bil-fjuri u erba' arbli għall-bnadar.

15.5.18 Is-Sindku semma li hemm problema ġewwa Misraħ ir-Raħeb minħabba li l-boundaries li fihom hemm is-siġar inkisru kollha. Semma li hemm bżonn jidħol il-Perit fihom. Semmew li idealment ikun perit separat minn dak li qed juża bħal issa l-Kunsill peress li hemm diversi proġetti għaddejjin u li qed ikun hemm xi dewmien fuq l-applikazzjonijiet sottomessi jew li jridu l-attenzjoni tal-Perit.

## 15.6 Mozzjoni – Bulky Refuse Collection Tender

15.6.1 Fuq mozzjoni preżentata mis-Sindku, kien hemm qbil li l-Kunsill iwaqaf il-kuntratt eżistenti ta' ġbir ta' skart goff, jitlob għal direct order ta' madwar €6,000 sabiex ikopri iż-żmien sabiex jinkiteb tender ġdid.

15.6.2 Mozzjoni annessa mal-Minuti mmarkata bħala Dok A.

15.6.3 Fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mil-Viċi Sindku, is-Sa. Vella, kien hemm qbil unanimu fuq dak propost.

## 15.7 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

15.7.1 Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li jkun għaqli jekk il-Kunsill jibda jipproduċi sensiela ta' video clips li jinforma lir-residenti fuq kif wieħed jissepra l-iskart aħjar u anki l-metodi ta' kif wieħed jibbukja l-bulky refuse.

15.7.2 Is-Sa. Darlene Vella semmiet li kienet avviċinata mill-organizzazzjoni tal-Home Economics li jorganizzaw is-sessjonijiet ta' Għaqal id-Dar. Semmiet li l-post użat irid ikun attrezzat bi spazju ta' kċina għaldaqstant hija rrekomandat li tikkomunika mal-Arċipriet sabiex ikunu jistgħu jsiru fis-sala tal-Parroċċa.

15.7.3 Is-Sa. Darlene semmiet li kien irrekomandat mill-iskola primarja Tarxien sabiex il-librerija tkun miftuħa waqt il-ħin ta' tfal ta' l-iskola biex ikunu jistgħu jniżluhom jieħdu xi kotba. Is-Sindku qallha sabiex iġġib l-informazzjoni ta' data u ħin meta jridu jiġu u li l-Kunsill javża lil-librar sabiex jiftaħ.

15.7.4 Is-Sa. Darlene Vella semmiet li għal Ottubru tixtieq li jerġa' jkun organizzat il-kors ta' Fire Fighting għar-residenti tal-lokal.

15.7.5 Is-Sa. Darlene Vella proponiet ukoll li lejn April 2026 il-Kunsill jorganizza sessjonijiet ta' tgħarif u taħriġ għall-ġenituri fuq l-importanza li wieħed jgħallem lil tfal żgħar jgħumu u anki kif wieħed jista' jipprevjeni inċidenti qrib l-ilma.

15.7.6 Is-Sa. Nicole Farrugia kif ukoll is-Sur Dasier Damato kkonfermaw li rċievew messaġġ fuq il-midja soċjali fejn kien hemm talba minn resident li jsir dog park. Kien hemm diskussjoni bejn dawk preżenti li huwa ferm diffiċli li jiġi ddentifikat post lilhinn mir-residenti meta l-ġonna tal-lokal huma kollha mdawrin bir-residenti li eventwalment jibdew jilmentaw bil-ħmieġ tal-annimali li jista' jitħalla minn dawk li jużaw il-park. Is-Sindku semma li CCTVs mhux ser isolvu din il-problema ta' min iħammeġ peress li CCTV li jkunu mqabdin mal-LESA jiddentifikaw il-persuni minn number plates tal-karozzi. Semma li dog park mhux ideal li jsir f'żona residenzjali. Kien hemm qbil dwar dan.

15.7.7 Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li hemm bżonn li l-Kunsill jiddeċiedi x'ser jagħmel fuq il-knis. Fakkret li l-Kunsill għandu jiddeċiedi huwiex ser jinvesti fil-makkinarju addatat sabiex il-knis isir mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali jew tinħareġ sejħa. Is-Sindku spjega li nġabru l-kwotazzjonijiet għas-sitt xhur li ġejjin għal żewġ ħaddiema tal-kuntrattur sabiex il-kumplament tal-lokal isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

TARXIEN
Local Council

**15.8 Aġġornament**

15.8.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fi-sebgħa u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 25 t' Lulju 2025 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

Dok A.

# MOZZJONI: numru 1/2025

**Suġġett:** Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff – Abbandun tas-Servizz mill-Kuntrattur

**Preżentata minn:** Mis-Sindku, is-Sur Joseph Abela Galea
**Data:** it-Tnejn, 14 ta' Lulju 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien kien daħal f'kuntratt għal servizz ta' ġbir ta' skart goff u WEEE (bil-modalità ta' trasport ekoloġiku, taħt ir-referenza **HTLC01-2023**;

Il-kuntrattur responsabbli għal dan is-servizz **abbanduna** s-servizz mingħajr l-ebda komunikazzjoni formali mal-Kunsill, u dan ikkawża nuqqas ta' kontinwità fis-servizz u inkonvenjent serju għar-residenti;

Minkejja diversi tentattivi sabiex jiġi kkuntattjat il-kuntrattur permezz ta' diversi indirizzi elenkati fuq dokumenti uffiċjali (invoices, logbook, u policy tal-assigurazzjoni), dawn kollha kienu bla riżultat u prova ta' tentattivi mhux suċċessivi hija mehmuża mad-dokumenti uffiċjali;

Dan is-sitwazzjoni tikkostitwixxi ksur gravi tal-obbligi taħt il-kuntratt, kif ukoll dispożizzjonijiet taħt l-Artikolu **34.3(a)** tal-Kundizzjonijiet Ġenerali tar-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku;

**Għalhekk:** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien qed:

1. **Japprova l-kanċellazzjoni immedjata tal-kuntratt** mal-kuntrattur skont il-liġi u r-regolamenti applikabbli;
2. **Japprova li titressaq talba lill-Permanent Secretary** sabiex jingħata awtorizzazzjoni għal **Direct Order ta' servizz temporanju għal perjodu ta' tliet (3) xhur**, waqt li jiġi ppreparat u mħabbar tender ġdid;
3. **Japprova l-impenn finanzjarju** sa massimu ta' **€6,000 (eskluża l-VAT)** għal dan is-servizz temporanju, li diġà beda jiġi pprovdut b'mod ta' emerġenza minn fornitur alternattiv;
4. **Jiddelega lill-Eżekuttiv tas-Segretarju** sabiex jippreżenta d-dokumenti kollha meħtieġa, inklużi provi ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni mal-entitajiet regolatorji kompetenti.

Din il-mozzjoni tiġi riferita għal votazzjoni immedjata fil-laqgħa tal-Kunsill.

J A G
Proponent

D. Vella
Sekondant

Għall-użu tal-Uffiċċju.

Data meta l-mozzjoni ġiet mgħoddija lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv 08 / 07 / 2025

Massa.